**PARROĊĊA SANT'ANNA WIED IL-GĦAJN**

**AVVIŻI** **19 TA' MARZU 2017**

**Magħmudija Komunitarja**

Għada/Illum il-Ħadd issir il-Magħmudija bil-Quddiesa li tibda fl-10.15.am.

**Festa ta' San Ġużepp u 18 Sena mill-Konsagrazzjoni tal-Knisja Parrokkjali**

Peress li din is-sena id-19 ta' Marzu jaħbat it-tielet Ħadd tar-Randan, il-festa liturġika ta' San Ġużepp se tiġi ċċelebrata t-Tnejn 20 ta' Marzu 2017 u fil-quddiesa tas-6.00pm niċċelebraw it-18-il Sena mill-Konsagrazzjoni tal-Knisja Parrokkjali tagħna minn Mons. Ġużeppi Mercieca.

**Museum Bniet**

Mit-Tnejn 20 ta' Marzu sal-Ġimgħa 24 ta' Marzu, it-tfal tal-Museum Bniet ma għandhomx lezzjonijiet għax is-soċji għandhom l-eżerċizzi.

**Quddiesa u Barka fuq l-Omm u t-Tarbija fil-ġuf tagħha**

Il-Ħadd 26 ta' Marzu 2017 fl-10:15am ssir il-Quddiesa u l-Barka fuq l-Omm u t-Tarbija fil-ġuf tagħha bl-interċessjoni ta' Sant'Anna li tħares lill-ommijiet u t-tarbi fil-ġuf tagħhom. Mistiedna wkoll il-ġenituri li welldu tarbija biex jirringrazzjaw lil Alla.

**Grupp Anzjani tal-Ispiritwalità**

It-Tlieta 28 ta' Marzu 2016 ser isir irtir organizzat mill-grupp tal-anzjani tal-ispiritwalità.

**Lectio Divina**

It-Tlieta 28 ta' Marzu 2017 fis-7.00pm ikollna l-Lectio Divina fis-Sala Sant'Anna u nispiċċaw fit-8.00pm. Inħeġġiġkom sabiex iġibu magħkom il-Bibbja.

**Quddiesa u *Buffet Lunch***

Il-Ġimgħa 31 ta' Marzu 2016 qed norganizzaw quddiesa l-Millenium Chapel u wara ikla. Nitilqu minn quddiem is-Sala Sant'Anna fl-10.30am u nkunu lura fil-5.00pm. Biljetti mill-Uffiċċju Parrokkjali jew mis-Sagristija.

**Via Sagra fi Triq il-Gross Bellavista**

Il-Ġimgħa 31 ta' Marzu 2017 bħala Parroċċa ser nagħmlu Quddiesa u Via Sagra fi Triq il-Gross Bellavista. Nibdew fis-7.15pm bil-Quddiesa fi triq li tidħol għalija minn quddiem l-Inspire u wara Via Sagra fl-istess triq. Kulħadd huwa mistieden.

**Via Sagra animata għat-tfal**

Is-Sibt 1 ta' April 2017 il-Kumissjoni Djoċesana Tfal ser torganizza Via Sagra adattata għat-tfal fil-ġonna tal-Palazz Verdala, il-Buskett. Fil-5.00pm qed norganizzaw trasport li jitlaq minn quddiem is-Sala Sant'Anna. It-tfal li jixtiequ jitilgħu magħna jiktbu isimhom fis-sagristija sa l-Erbgħa 29 ta' Marzu 2017 biex inkunu nistgħu nordnaw it-trasport.

**Eżerċizzi għall-koppji**

Mit-Tnejn 3 ta' April sal-Ġimgħa 7 ta' April ser issiru l-eżerċizzi għall-koppji fis-7:15pm fil-Knisja Parrokkjali. Nħeġġu lill-miżżewġin u lil dawk li qed jibnu familja sabiex jattendu għall-eżerċizzi. Fis-Sala Sant'Anna jkun hemm min jieħu ħsieb lit-tfal. Ser imexxi l-eżerċizzi Dun David Cilia, saċerdot li jaħdem fit-Tribunal tal-Knisja.

**Mother and Baby Club**

Il-Mother and Baby Club se jorganizzaw Party tal-Għid nhar l-Erbgħa 5 ta' April 2017. Biljetti mill-Mother and Baby Club nhar ta' Erbgħa mis-Sala Sant Anna.

**Figolli**

Fuq iz-zuntier qed jinbiegħu l-figolli magħmulin mill-helpers tal-parroċċa tagħna.

**Via Sagra**

Matul ir-Randan nhar ta' Erbgħa u Ġimgħa jkollna t-talba tal-Via Sagra fil-Knisja Parrokkjali, għalhekk fil-5.15pm jkollna t-talba tar-Rużarju u fil-5.30pm il-Via Sagra.

**Funeral ta' Alfred Bone**

Il-Mulej ogħġbu jsejjaħ minn fostna lil Alfred Bone li l-funeral tiegħu se ssir it-Tnejn 20 ta' Marzu 2017 fil-quddiesa li tibda fid-9.00am fil-Knisja Parrokkjali. Agħtih O Mulej il-mistrieħ ta' dejjem...